bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp Sharon Tanti u
Sp Louise Vella)
vs
Zadem Ahmed Zadem,
iben Ahmed, imwieled
Libya fil-15 ta' marzu,
1973

Illum, 2 ta' awissu, 2000

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat -
talli fl-20 ta' lulju, 2000, fil-Qorti tal-Maġistrati, fil-Belt, Valletta waqt proċeduri kriminali fil-każ "Il-Pulizija v Salah Di Ali Agouri", ikkorrompa lix-xhud Ali Hassan Ali, sabiex jagħti xhieda falza, jew jagħmel periżija falza jew tifsir falz.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' awissu, 2000 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 102 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundanna lill-imputat li jħallas multa ta' ħames mitt lira maltin (Lm500).